# IL-MILIED TA' SAN FRANĠISK

GRECCIO! Ir-raħal ċkejken ta' l-Umbria li tħaddar is-sena kollha; ir-raħal sieket iżda ħelu li baqa' jissemma fl-istorja franġiskana għal ħwejjeġ kbar u tal-għaġeb li ġraw fih ma' tul il-mixja ta' 700 sena.

Ħarsu. Għadu kif wasal hawn bniedem barrani, wiċċu daħkani mera ċara tas-safa ta' qalbu, ġwejjed u twajjeb ma' kulħadd, iħobb saħansitra lid-dud u lin-nemel, ħadd ma għandu għadu tiegħu, il-ħlejjaq kollha ħbieb tal-qalb tiegħu. Ħarsu lejh: aktarx ftit qsajjar, b'xagħru qastni, wiċċu mislut ftit mixrub u smajjar; għajnejh imdaqqsin, ħajjin u suwed; ġbinu żgħir bi ftit rigi, iserrpu minn tulu; widnejh żgħar għalkemm ftit imwaqqfa; ilsienu ħafif u jaqta'; xofftejh irqaq u ftit sfajra; leħnu qawwi, ċar u ħelu; snienu sħaħ u bojod; saqajh indaf, bil-qorq u l-qfieli; qalbu f'idejh u lil ħadd ma jċanfar. Mhix ħaġa kbira mela jekk dan il-bniedem, ftit tas-snin qabel, kien is-sultan taż-żgħażagħ u tal-festi u li bi ġmielu, imġibtu u ġidu, kien saħħar għal warajh l-isbaħ tfajliet tal-belt ta' Assisi.

Imma ħarsu lejh sewwa. B'dak xagħru s-sabiħ, minflok iperper fuq spallejh maż-żiffa ħelwa tar-riħ, issa maqtugħ qasir u mqarwas; minflok il-libsa bellusija tal-kavalieri, huwa mgħotti b'ċoqqa ħoxna u tqila u mħażżem minn qaddu b'ħabel abjad.

Min hu dan il-bniedem? Għaraftuh: Franġisku minn Assisi li għadu kif wasal mill-bogħod minn ġewwa Betlem, hawn, fir-raħal ta' Greccio. Hu hekk għajjien li bilkemm jiflaħ jiċċaqlaq; hu hekk bil-ġuħ u bil-għatx li bilkemm jiflaħ jitkellem. Madankollu ma jridx jistrieħ u lanqas jitrejjaq iżda jrid biss igħanni u jkanta. Kien għadu ma qabadx it-trejqa ewlenija tar-raħal meta Franġisku beda jistaqsi għal ħabibu Ġanni Vellita.

"X'hemm Ġann, ħija Ġanni! Is-sliem għalik u s-saħħa u l-paċi miegħek."

"Mel'inti hawn, ħabibi Franġisku? Merħba bik. Kif inti?"

"Ismagħni Ġanni; jiena ġejt narak għax għandi bżonnok"

"Jaqaw? F'hiex nista' naqdik, għidli? Għandek bżonn ta' xi flus, ta' ikel jew ta' xi ħwejjeġ? Għidli?"

"Le, ħija Ġanni. Xejn minn dana kollu. Ħaġa waħda biss irrid minn għandek. Il-Poeżija."

Ġanni beda jidħak.

"Jiena miniex poeta; inti taf, jiena bidwi. Bil-kemm naf naqra u nħarbex xi kelma. Il-pinen tiegħi huma l-moħriet u l-imgħażqa, u l-kotba huma l-ħbula tar raba'. Ħares lejn qiegħ idejja kif ibbiesu u xrafu bil-marlozz ta' l-imgħażqa u għarqubi flieli tas-safra. Jiena, għażiż ħabibi, għandi biss raba', baqar, tiġieġ u qżieqeż, ħrief, gidjien ma' ommijiethom jirgħu u jimirħu fil-bosk li qed tara quddiemek. Jiena miniex poeta."

"Madankollu, ħija Ġanni, inti l-lum trid tagħtini l-poeżija, poeżija mingħajr kliem u taqbil, iżda poeżija qabbieża, sħuna u ħajja kif taf tagħtihielna ommna n-natura."

"Miniex nifhmek, għażiż Franġisku; ma nafx x'poeżija inti trid minni."

"Ħija Ġanni inti ma għedtx li għandek bosk ċkejken?"

"Iva, Franġisku".

"Tajjeb, ħija Ġanni. F'dan il-bosk tiegħek m'għandekx inti xi erwieħ li jgħannu bin-nhar u bil-lejl jistrieħu?"

Ġanni beda jħokk rasu u jaħseb.

"Ma nafx, Franġisku, li erwieħ bħal dawn jinsabu fil bosk tiegħi..."

"Erwieħ li jaqbżu, igerrmu, inaqqru, itiru...."

"Issa fhimtek; tnieK u għasafar, hux Franġisku?"

"Iva, ħija Ġanni. L-għasafar... ħutna l għasafar. U min igħanni isbaħ minnhom? Għidli, ħija Ġanni, u hemm fil-bosk tiegħek ma għandekx xi għar ċkejken?"

"Għandi. Għandi għar imdaqqas, maqtugħ f'nofs ir-rampa żonqrija fejn inqiegħed il qfief u l għodda, u fix-xita nistkenn jien u l-kelba tiegħi."

"Mela, ħija Ġanni, mur lesti maxtura fil-għar tiegħek u għamlilha ftit tiben u ġib il-ħmar u wieħed mill-għoġla tiegħek."

"U dawn norbothom ħdejn il-maxtura?"

"M'hemmx għalfejn, ħija, Ġanni, għax dal-lejl il-ħmar u l-għoġol jsiru aħwa l-iktar ġwejdin u twajbin tad-dinja."

Ġanni mejjel kemm kemm rasu, beda jidħak u qal f'qalbu: " Min jaf x'ġej il-lejla?"

"...Il-lejla, ħija Ġanni, il-bosk tiegħek irid isir Ġenna. L-arja safja, qawwija u ħiemda, sejra tkun minflok l-Inċens ifewwaħ, u l-firxa tas-sema tan-nir, miżgħud bil-kwiekeb ġerrejja, minflok is-saqaf ta' l-aqwa knisja. L-għasafar tal-bosk iqumu min-nagħsa tagħhom iħarsu mistagħġbin ma' dwarhom u jħollu lsienhom f'għana ta' ferħ u ta' mħabba. Huma jgħannu flimkien: Tkun imfaħħar, ja Mulej, f'dan il-lejl tat-twelid tiegħek. Is-sliem u l-paċi lill-bnedmin kollha tajbin u ħżiena. Iva, lill-ħżiena wkoll sabiex jagħrfuh u jagħtuh qima. Sebħ 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u l-paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Ħija Ġanni, għaliex qiegħed tistagħġeb? Jiena nwiegħdek li sa żfin ikollna. Ħutna l-fniek u ż-żrameġ tal-bosk tiegħek għal-leħen ta' dak il-kant u daqq ħelu, bla ma jkunu jridu, jieqfu fuq riġlejhom warranin, fil-waqt li bil-quddemin imellsu geddumhom u jaħslu widnejhom u jaqbżu ferħanin minn naħa għal oħra tal-bosk tiegħek. Ħija Ġanni, għażiż ta' qalbi, mhijiex din poeżija?"

U Ġanni jibqa' sieket, rasu baxxuta u donnu jrid jidħak fil-waqt li xi taqtiriet dmugħ bdew iġelbnu minn għajnejh ħomor u jaqgħu fuq mustaċċih kbar, weqfin u bojod.

"Tajjeb, ħija Ġanni, meta xi ħaġa tqanqal għad-daħk u għall-biki f'daqqa, għid li din hi poeżija. Agħtini, nitolbok, din il-poeżija u issa stess mur għid lin-nies tar-raħal li ma' nofs il-lejl sejrin inkantaw il-quddiesa fil-għar tal-bosk tiegħek."

* * *

Nofs il-lejl sewwa.

Ġewwa l-għar ta' Greccio tidher lesta l-maxtura bi ftit tiben fiha li ma tingħarafx minn benniena ċkejkna. Il-ħmar u l-għoġol maħlulin, mixħutin fl-art jixtarru u b'għajnejhom kbar iħarsu lejn il-maxtura. Ma' tul it-trejqa li sserrep mal-wied taħt is-siġar għoljin tal-faġġ, tal-luq, tal-ġewż u tal-qastan jidhru ġejjin qtajja' qtajja' ta'rġiel, nisa u tfal bl-imnajjar u l-fjakkli mixgħulin f'idejhom. Ilsna tan-nar jidhru mill-bogħod jiċċaqalqu u jlebilbu maż-żiffa ħelwa li kienet tfewweġ fil-bosk sa l-għar ta' Greccio. U t-twajjeb Fran-

ġisku issa liebes il-lbies tal-leviti sejjer ikanta l-Evanġelju. Skiet liema bħalu. Xi ħlewwa ta' qalb! X'dija tas-Sema!

Franġisku jispiċċa l-Evanġelju, idur lejn in-nies, jarfa' rasu, jorbot idejh fuq sidru u jibda jgħid: "Maħbubin ħuti ta' Greccio, jiena nsellmilkom u nberikkom fl-isem tal-Mulej, ta' dak il-Mulej li tnax-il-mitt sena ilu ried jitwieled u jsir bniedem bħalna f'maxtura bħal dina, fil-bard u fil-faqar imsaħħan biss min-nifs sħun tal-ħmar u tal-għoġol Dak il-lejl ta' Betlem kien sewwa sew bħal dana. Xejn ma tbiddel, tbiddlu biss il-bnedmin tad-dinja. Għall-aħjar jew għall-agħar ma nistax ingħidilkom. Naf biss li intom nies twajba għax ħallejtu s-sodda tagħkom u ġejtu hawn bħar-ragħajja ta' Betlem. Ma ġibtux magħkom u la inċens li jfewwaħ, u la deheb li jlellex u lanqas mirra li tfejjaq. Imma ġibtu magħkom il-qalb tagħkom safja, ħajja u li tħabbat bl-imħabba. X'hemm isbaħ u egħżeż minn qalb bħal dina? Jiena mort fil-għar ta' Betlem, imma l-għar kien baħħ għal kollox. Xi qsim il-qalb! Xi dwejjaq! Inxħitt għarrkobbtejja fuq il-maxtura kiesħa u bdejt nibki u nbusha. Xi stajt nagħmel iktar, nies twajba ta' Greccio? Is-Sinjur u s-Sid tiegħi li hu wkoll is-Sinjur u s-Sid tagħkom, ta' l-art, tal-baħar u tal-kwiekeb, huwa wkoll, darba waħda, bħal dal lejl beka min-ħabba fija u minħabba ħtijieti. Iżda fil-waqt li kont nolfoq u nixher deherli li smajt leħen ta' Bambin ċkejken iqawwili qalbi u jgħidli: La tibżax Franġisku; keċċi d-dwejjaq ta' qalbek; qum u mur fil-paċi tiegħek. Mur, imxi, kanta u għanni sakemm ma jirnexxilekx issibni Għalhekk jiena mxejt daqshekk u ġejt hawn ġewwa dan l-għar tat-twajjeb Ġanni sabiex inbiddlu fi presepju u nkantaw il-quddiesa f'dan il-lejl tal-Milied li hu l-isbaħ lejl ta' ma' tul is-sena. X'jonqosna ħlief dak il-Bambin ċkejken, Bambin qaddis, Bambin ħlejju?! O li kieku kellna narawh b'dawn il-għajnejn tal-ġisem!..."

Franġisku f'daqqa waħda jieqaf, iħares, jitriegħed....

L-ewwel skiet kbir, imbagħad għagħa kbira. In-nies bdiet tgħajjat: Miraklu, miraklu.... Bambin! Franġisku miġnun bil-ferħ, jolfoq, jersaq lejn il-maxtura jbus u jħaddan ma' sidru dik it-tarbija ċkejkna, ħajja, ħelwa, daħkanija. In-nies irossu: min igħajjat, min jolfoq bil-ferħ, min jistagħġeb. Il-ħmar u l-għoġol għarrkobbtejhom iħarsu b'għajnejhom kbar lejn dik it-tarbija u jsaħħnuha bin-nifs tagħhom. Il-

kwiekeb jiddu u jleqqu sbieħ fil-għoli tas-sema safi u jiġru ferħanin minn naħa għal oħra. Il-għasafar, imqajmin middawl tal-fjakkli u ta' l-imnajjar, jittajru u jgħannu flimkien geġwiġija waħda. Sal-fniek bdew jaqbżu u jiżfnu fuq ilweraq niexef tas-siġar.

U t-twajjeb Ġanni?! Hemm ħdejn il-bieb tal-għar tiegħu, miblugħ u mistagħġeb b'dak li kien qiegħed jisma' u jara, donnu qiegħed joħlom, donnu f'dinja oħra, u, bid-dmugħ f'għajnejh u bi lsienu jtemtem, beda jgħid lilu n-nifsu: Din hi tabilħaqq poeżija.

P. Pawl Tabone o.f.m.